MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Numru 14/2013

Att ta' Akkuza numru 14/2013

Repubblika ta' Malta

versus

Rio Micallef

David Tabone

Darren James Vella

Illum 11 ta' Frar 2015

Il-Qorti;

Rat l-att ta' Akkuza numru 14 tas-sena 2013 migjuba fil-konfront ta' Rio Micallef, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 423083M, David Tabone detentur tal-karta tal-identita bin-numri 377384M u Darren James Vella detentur tal-karta tal-identita bin-numri 120590M

Fejn l-Avukat Ġenerali, f' l-Ewwel Kap ippremetta:

Illi f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, l-akkużati Rio Micallef, David Tabone (magħruf bħala z-"Zambi") u Darren James Vella (magħruf bħala l-"Ħafi") (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużati") iddeċidew li jassoċjaw ruħhom ma' xulxin u/jew ma' nies oħrajn sabiex jittraffikaw il-mediċina ristretta u psikotropika 3,4 Methylenedioxymethamphetamine MDMA (hawn aktar l-isfel f'dan l-Att t'Akkuża magħrufa bħala d-"droga ecstasy" u/jew "MDMA" skont il-każ).

Illi l-akkużati kienu jafu l-xulxin u kienu jiffrekwentaw l-inħawi ta' Birkirkara, u b'mod partikolari fejn l-akkużat Rio Micallef kien jiġġestixxi snack bar bl-isem ta' "Rio's Bar". L-akkużati kienu jikkomunikaw ma' xulxin inkluż permezz tal-mobile phones tagħhom. Rio Micallef kien juża mobile phone bin-numru 7994 8466 (kif ukoll mobiles oħra bin-numri 7994 8446 u 9944 8891); David Tabone kien juża mobile phone bin-numru 7980 3785 filwaqt li Darren James Vella kien juża mobile phone bin-numru 9988 8854.

L-akkużati kienu qablu ma' xulxin li bejniethom kellu jsir negozju tad-droga ecstasy sabiex din id-droga tkun tista tiġi traffikata f'Malta u dan billi Rio Micallef kellu jipprokura, jipprovdi u jittrasporta miegħu kwantita ta' droga ecstasy f'ammont ta' madwar elf disa mija u erbgħin pillola (1940) sabiex dawn il-pilloli jiġu kkonsenjati

lil David Tabone u lil Darren James Vella, li minn naħa tagħhom kellhom imbagħad ibiegħu dawn il-pilloli lil terzi persuni.

L-akkużati qablu li ta' dawn il-pilloli MDMA l-akkużat Rio Micallef kellu jitħallas mingħand David Tabone l-ammont disat elef tliet mija u tletin Euro (€9330). Il-konsenja ta' din id-droga kellha ssir minn Rio Micallef lil David Tabone u lil Darren James Vella f'garage li kien juża l-istess Darren James Vella f'Birkirkara u li tiegħu kellu ċ-ċavetta. Minn hemmhekk imbagħad din il-konsenja ta' droga ecstasy ladarba tkun għaddiet mingħand Rio Micallef lil David Tabone u Darren James Vella, dawn kellhom minn naħa tagħhom ibigħuha fi kwantitajiet konsiderevoli lil terzi persuni u dan ukoll kif jirriżulta wkoll minn diversi messaġġi (sms) li kienu jirċievu fuq il-mobile phones tagħhom, bi qliegħ ta' flus enormi għalihom.

L-akkużati ma kienux liċenzjati skont il-liġi biex ibigħu jew jitraffikaw fil-mediċina ristretta u psikotropika MDMA f'Malta.

Fil-fatt in eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim milħuq minn qabel, nhar tal-15 ta' Settembru 2008 l-akkużati ikkomunikaw ma xulxin, anke permezz ta' diversi telefonati minn fuq il-mobile phones rispettivi tagħhom sabiex dakinhar stess għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija ikun jista jsir dan in-negozju tad-droga ecstasy hawn fuq imsemmi. Biss dak il-ħin l-akkużati ftit kellhom idea li l-Pulizija kienet qegħdha ssegwi l-passi tagħhom.

Fil-fatt fil-15 ta' Settembru 2008 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (18:45) diversi Uffiċjali tal-Pulizija mit-Taqsima ta' kontra d-Drogi (fosthom PS1086 Johann Micallef, PS 579 Antoine Micallef, PC1372 Alan Cutajar, WPC 127 Carmen Gauci u PC 10 Trevor Cassar Mallia) kienu jinsabu fl-inħawi ta' Birkirkara josservaw il-movimenti tal-akkużati. Dawn innotaw li għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (18:45) David Tabone kien ħareġ mir-residenza tiegħu u beda jsuq karozza Volkswagen Passat bajda bin-numru tar-registrazzjoni CBQ 279, fejn ftit ħin wara, waqaf viċin tal-Mc Donald's f'Birkirkara fejn kien hemm l-akkużat Darren James Vella jistennih. David Tabone waqqaf il-karozza u rikkeb lil Darren James Vella u t-tnejn li huma rħewlha lejn id-direzzjoni ta' fejn kien hemm bar jismu "Butterfly Bar" f'Birkirkara, liema bar jinsab fil-viċinanzi tal-isnack bar ġestit mill-akkużat Rio Micallef. Hemmhekk wara li stennew ftit, tfaċċa Rio Micallef li kien qed isuq karozza Volkswagen Golf bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni ABG 609. Minn

hemmhekk dawn iż-żewġ vetturi qalgħu u rħewlha wara xulxin lejn id-direzzjoni ta Triq il-Knisja l-Qadima f'Birkirkara u ġibdu lejn wesgħa li tiżbokka wkoll minn Triq F. Zahra f'Birkirkara.

Meta waslu fi Triq il-Knisja l-Qadima f'Birkirkara, dawn ipparkjaw il-karozzi rispettivi tagħhom viċin tal-entratura komuni għal garages li hemm fi Triq il-Knisja l-Qadima, iżda ftit il-bogħod minn xulxin. David Tabone u Darren James Vella niżlu mill-karozza misjuqa minn David Tabone u resqu fl-entratura tal-garages. Dak il-ħin, David Tabone kien qiegħed iġorr basket iswed. Rio Micallef niżel mill-vettura tiegħu u rħielha lejn id-direzzjoni tal-entratura tal-garages hawn fuq imsemmija. Fost dawn il-garages, hemm il-garage li kienet tużah omm l-akkużat Darren James Vella u li tiegħu dan l-akkużat kellu ċ-ċavetta, li iżda fil-ħin li kien qed jiġi arrestat ma kienetx fuq il-persuna tiegħu iżda nstabet ftit ħin wara taħt van kulur oranġjo bl-abjad tal-marka Fiat bin-numri tar-reġistrazzjoni JQZ 143 (tad-ditta TNT) li kien ipparkjat viċin ħafna ta' din l-entratura quddiem residenza biswit din l-entratura (aktar l-isfel magħruf bħala il-"van Fiat").

Fil-fatt hekk kif Rio Micallef kien riesaq lejn l-entratura tal-garages hawn fuq imsemmija huwa għadda minn quddiem dan il-van Fiat. F'dak il-mument, Rio Micallef intebah li kien hemm il-Puliżija, tbaxxa quddiem dan il-van Fiat u ħarab jiġri minn fuq dak il-post. Huwa ġie mwissi biex jieqaf mill-Pulizija li kienu fuq il-post u fil-fatt wara li xi Uffiċjali tal-Pulizija ġrew warajh huwa ġie arrestat ftit bogħod minn fejn kien deher jitbaxxa.

Pulizija oħra li kienu f'dik il-parti tat-triq marru wkoll fuq David Tabone u Darren James Vella u dawn ġew arrestati. Fil-fatt David Tabone instab li kien qiegħed iġorr basket iswed li fih kien hemm disat elef tliet mija u tletin Euro (€9330) fi flus kontanti kif ukoll miżien elettroniku. Fil-fatt minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li fuq dan il-miżien kien hemm traċċi tad-droga ecstasy kif ukoll tad-droga kokajina. Apparti minn hekk mill-post fejn Rio Micallef deher jitbaxxa u ċioe minn quddiem il-van Fiat bejn taħt il-bumber tal-van u l-bankina, il-Pulizija elevat basket tal-plastic żgħir abjad u ftit il-bogħod mill-basket, iżda aktar il-ġewwa taħt il-van Fiat, sabet ukoll żewġt iċwievet b'keychain safra, li wara rriżulta lil Pulizija li waħda minnhom kienet ċavetta tal-garage li kien juża Darren James Vella (peress li aktar tard il-Pulizija fetħu dan il-garage b'din iċ-ċavetta). F' dan il-basket l-abjad li nstab taħt il-bumber tal-van Fiat il-Pulizija sabet maħżuna f'żewġ boroż tal-plastic għadd ta' pilloli bojod li wara li dawn ġew mgħoddija lill-espert maħtur mill-

Qorti għall-analiżi tiegħu irriżulta li dawn kienu pilloli tal-MDMA (ċioe' droga ecstasy) f'ammont ta' elf disa mija u erbgħin (1940) waħda li fuq is-suq miftuh kienu jġibu l-prezz ta' tmintax il-elf, sitt mija erbgħa u għoxrin Euro (€18,624).

Is-sustanza MDMA (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bħala mediċina ristretta u psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini u fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija akkużati Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella saru ħatja talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħu jew jittraffikaw mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, l-akkużat Rio Micallef instab hati ta' delitt.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Darren James Vella" datata 19 t'Ottubru 2006 l-akkużat Darren James Vella kien ingħata ordni ta' probation għall-perjodu ta' tliet snin.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmija akkużati Rio Micallef (reċidiv f'delitt), David Tabone u Darren James Vella talli saru ħatja illi fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħu jew jittraffikaw mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab ħati ta' delitt, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lil dan l-istess akkużat bl-addebitu tar-reċidiva.

U jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundanati : -

(a) kwantu għal Rio Micallef għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolament 2 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat;
(b) Kwantu għal David Tabone għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolament 2 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat;
(c) Kwantu għal Darren James Vella :
    (i) għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u

tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba’ mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x’Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolament 2 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat;

(ii) b’dan ukoll li fil-każ tas-sejbien ta’ ħtija din il-Qorti għandha wkoll tibgħat lill-akkużat Darren James Vella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex wara li dik il-Qorti tkun soddisfatta bid-dikjarazzjoni ta’ ħtija mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti dwar il-ħtija ulterjuri tal-akkużat, tkun tista tittratta mal-akkużat għar-reat li dwaru kienet saret l-ordni tal-probation u dan b’kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta’ dak ir-reat u dan, *inter alia* ai termini tal-artikoli 2, 7, 20, 21, 22, 23, 24, 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fejn l-Avukat Ġenerali, fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fl-isfond tal-fatti, żminijiet u ċirkostanzi kollha ġja narrati aktar il-fuq fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att t’Akkuża, u ċjoe f’dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta’ Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti, l-akkużat Rio Micallef (aktar l-isfel magħruf bħala l-“akkużat”) iddeċieda li jibda jmexxi, jbiegħ, jipprokura, jforni u jittraffika l-mediċina psikotropika MDMA, komunement magħrufa wkoll bħala droga “ecstasy”.

Illi f’dan iż-żmien aktar il-fuq imsemmi, l-akkużat Rio Micallef u l-akkużati l-oħra David Tabone u Darren James Vella kienu jafu lil xulxin fl-akkwati ta’ Birkirkara partikolarment peress li kienu jiffrekwentaw snack bar bl-isem ta’ “Rio’s Bar” li l-akkużat Rio Micallef kien jiġġestixxi. L-akkużati David Tabone u Darren James Vella riedu jixtru kwantita ta’ droga ecstasy sabiex ikunu jistgħu jittraffikawha lil terzi persuni. Kien għalhekk li għamlu kuntatt mal-akkużat Rio Micallef, inkluż permezz tal-mobile phones tagħhom. Rio Micallef kien juża mobile phone bin-

numru 7994 8466; David Tabone kien juża mobile phone bin-numru 9988 8854 u Darren James Vella kien juża mobile phone bin-numru 7980 3785. L-akkużati kienu qablu ma' xulxin li bejniethom kellu jsir negozju tad-droga ecstasy sabiex din id-droga tkun tista tiġi tkompli traffikata f'Malta.

Fil-fatt qablu li Rio Micallef kellu jipprokura, jipprovdi u jittrasporta lilhom kwantita ta' droga ecstasy f'ammont ta' madwar elf disa mija u erbgħin pillola sabiex dawn il-pilloli jiġu kkonsenjati lil David Tabone u lil Darren James Vella versu l-prezz ta' madwar disat elef tliet mija u tletin Euro (€9330) li kellhom jitħalsu lil Rio Micallef minn David Tabone. Il-konsenja ta' din id-droga ecstasy kellha ssir f'garage li kien juża Darren James Vella li kien jinsab f'Birkirkara, bl-entratura tiegħu tagħti għal Triq il-Knisja l-Qadima. Eventwalment din id-droga ladarba tkun għaddiet mingħand Rio Micallef għal għand David Tabone u Darren James Vella, dawn kellhom minn naħa tagħhom ibigħuha fi kwantitajiet konsiderevoli lil terzi persuni kif jirriżulta wkoll minn diversi messaġġi (sms) li kienu jirċievu fuq il-mobile phones tagħhom u bi qliegħ enormi għalihom.

Iżda b'xorti tajba, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni relatata ma' dawn l-operazzjonijiet illegali li kienu ser isiru bejniethom u bdiet issegwihom bil-moħbi. Kif l-akkużati ipparkjaw il-karozzi rispettivi tagħhom fi Triq il-Knisja l-Qadima sabiex issir il-konsenja tal-istess 1940 pillola tad-droga ecstasy maħżuna f'basket, il-Pulizija li kienu qed isegwu din l-operazzjoni marru fuqhom u arrestawhom kollha.

L-imsemmi akkużat Rio Micallef ma kienx liċenzjat skont il-liġi biex ibiegħ jew jitraffika mediċina ristretta u psikotropika f'Malta. Is-sustanza MDMA (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta u psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu, l-imsemmi akkużat Rio Micallef sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-mediċina ristretta u psikotropika MDMA, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy", lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni speċjali għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, jew għal manifattura, xiri, bejgħ użu jew pussess maħruga

mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, l-akkużat Rio Micallef instab ħati ta' delitt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Rio Micallef, reċidiv f'delitt, li rrenda ruħu ħati talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-mediċina ristretta u psikotropika MDMA, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy", lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni speċjali għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, jew għal manifattura, xiri, bejgħ użu jew pussess maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubbblika skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab ħati ta' delitt, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lil dan l-istess akkużat bl-addebitu tar-reċidiva;

U jitlob li Rio Micallef jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985), u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D,

22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali, fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-isfond tal-fatti, żminijiet u ċirkostanzi kollha ġja narrati aktar il-fuq fl-ewwel żewġt Kapi ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċjoe f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti, l-akkużat Rio Micallef (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") kellu fil-pussess tiegħu numru kbir (madwar 1940) ta' pilloli li fihom kien hemm is-sustanza MDMA (aktar l-isfel magħrufa bħala id-droga *ecstasy*).

Din id-droga kienet intiża biex tiġi konsenjata, provduta u distribwita lil żewg persuni f'Malta bil-għan li eventwalment tiġi mibjugħa u traffikata. Fortunatament wara senjalazzjoni li kienu għaddejjin dawn attivitajiet illegali fl-inħawi ta' Birkirkara, il-Pulizija Maltija bdiet tagħmel sorveljanza fuq l-akkużati. Fil-15 ta' Settembru 2008 l-akkużat Rio Micallef ftiehem mal-akkużati l-oħra David Tabone u Darren James Vella sabiex iwaslilhom id-droga ecstasy sal-garage li kien juża Darren James Vella li jinsab f'qasam ta' garages bid-dħul prinċipali tagħhom fi Triq il-Knisja l-Qadima, f'Birkirkara.

Fil-fatt fil-15 ta' Settembru 2008 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (18:45) diversi Uffiċjali tal-Pulizija mit-Taqsima ta' kontra d-Drogi (fosthom PS1086 Johann Micallef, PS 579 Antoine Micallef, PC1372 Alan Cutajar, WPC 127 Carmen Gauci u PC 10 Trevor Cassar Mallia) kienu jinsabu fl-inħawi ta' Birkirkara josservaw il-movimenti tal-akkużati. Wara li ż-żewġt vetturi li fihom kienu rikbin l-akkużati rħewlha wara xulxin lejn id-direzzjoni ta Triq il-Knisja l-Qadima f'Birkirkara u ġibdu lejn wesgħa li tiżbokka wkoll minn Triq F. Zahra f'Birkirkara, dawn ipparkjaw il-karozzi rispettivi tagħhom viċin tal-entratura komuni għal garages li hemm fi Triq il-Knisja l-Qadima, iżda ftit il-bogħod minn xulxin. David Tabone u Darren James Vella niżlu mill-karozza misjuqa minn David Tabone u resqu fl-entratura tal-garages. Rio Micallef niżel mill-vettura tiegħu iġorr fuqu borża bil-pilloli ecstasy u rħielha lejn id-direzzjoni tal-entratura ta' dawn il-garages.

Hekk kif Rio Micallef kien riesaq lejn l-entratura tal-garages hawn fuq imsemmija huwa għadda minn quddiem van Fiat (kulur oranġjo bl-abjad tad-ditta TNT) li kien parkeġġjat quddiem residenza biswit din l-entratura u f'dak il-mument, Rio Micallef intebah li kien hemm il-Pulizija tbaxxa quddiem dan il-van Fiat u ħarab jiġri minn fuq il-post. Huwa ġie mwissi biex jieqaf mill-Pulizija li kienu fuq il-post u fil-fatt wara li xi Uffiċjali tal-Pulizija ġrew warajh huwa ġie arrestat ftit bogħod minn fejn kien deher jitbaxxa. Minn dak il-post fejn Rio Micallef deher jitbaxxa u ċioe minn quddiem il-van Fiat bejn taħt il-bumber tal-vettura u l-bankina, il-Pulizija elevat basket abjad u ftit aktar il-ġewwa taħt il-van sabet ukoll żewġt iċwievet ta' garage magħquda b'keychain safra, li wara rriżulta lil Pulizija li waħda minnhom kienet ċavetta tal-garage li kien juża Darren James Vella (peress li aktar tard il-Pulizija anke fetħu dan il-garage b'din iċ-ċavetta). Fil-basket l-abjad li nstab taħt il-bumber tal-van Fiat il-Pulizija sabet żewġt boroż tal-plastic li fihom kien hemm għadd ta' pilloli bojod li wara li dawn ġew mgħoddija lill-espert maħtur mill-Qorti għall-analiżi tiegħu irriżulta li dawn kienu pilloli tal-MDMA (ċioe' droga ecstasy) f'ammont ta' elf disa mija u erbgħin (1940) waħda li fuq is-suq miftuh kienu jġibu l-prezz ta' tmintax il-elf, sitt mija erbgħa u għoxrin Euro (€18,624).

Is-sustanza MDMA (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta u psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Rio Micallef sar ħati talli, f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti uża jew kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Rio Micallef, reċidiv f'delitt, talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimghat preċedenti uża jew kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (MDMA) komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy" mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab ħati ta' delitt, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lil dan l-istess akkużat bl-addebitu tar-reċidiva;

U jitlob li Rio Micallef jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali, fir-Raba' Kap ippremetta:

Illi fl-isfond tal-fatti, żminijiet u ċirkostanzi kollha ġja narrati aktar il-fuq, u ċjoe f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti, l-akkużat David Tabone (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") kellu fil-pussess tiegħu pilloli li fihom kien hemm is-sustanza MDMA (aktar l-isfel magħrufa bħala id-droga *ecstasy*).

Illi fil-fatt kif intqal aktar il-fuq fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, fil-mument li fih il-Pulizija kienu jinsabu fi Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara huma arrestaw lill-akkużat David Tabone waqt li kien qiegħed fl-entrata tal-qasam ta' garages li hemm tiżbokka f'dik it-Triq. Fil-pussess tiegħu il-Pulizija sabulu basket iswed li fih, minbarra l-ammont ta' €9330, instab ukoll miżien elettroniku. Fil-fatt

minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li fuq dan il-miżien kien hemm traċċi tad-droga MDMA (ecstasy).

Apparti minn hekk l-akkużat stqarr mal-Pulizija li huwa kien jabbuża mid-droga ecstasy billi kien jikkonsma minn din id-droga meta jkun f'parties u fil-fatt ammetta li kien ikkonsma żewġ pilloli s-Sibt ta' qabel stess, meta kien Paceville.

Is-sustanza MDMA (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta u psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini u fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu, l-imsemmi David Tabone sar ħati talli, f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti uża jew kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi David Tabone, talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimghat preċedenti uża jew kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (MDMA) komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy" mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika

U jitlob li David Tabone jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(b)(ii)(2A)(2B), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici

Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali, fil-Hames Kap ippremetta:

Illi fl-isfond tal-fatti, żminijiet u ċirkostanzi kollha ġja narrati aktar il-fuq, u ċjoe f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti, l-akkużat David Tabone (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina.

Illi fil-fatt kif intqal aktar il-fuq fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, fil-mument li fih il-Pulizija kienu jinsabu fi Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara huma arrestaw lill-akkużat David Tabone fil waqt li huwa kien jinsab fl-entrata tal-qasam ta' garages li hemm tiżbokka f'dik it-Triq. Waqt l-arrest, il-Pulizija sabu fil-pussess tiegħu basket iswed li fih apparti l-ammont ta' €9330 sabu wkoll miżien elettroniku. Fil-fatt minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li fuq dan il-miżien kien hemm traċċi tad-droga kokajina.

Minbarra dan l-akkużat stqarr mal-Pulizija li huwa kien jabbuża mid-droga kokajina.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi David Tabone sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli

għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi David Tabone, talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-ġranet u ġimghat preċedenti uża jew kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), fir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat Darren James Vella pprezentata fis-6 ta' Gunju, 2013 fejn eccepixxa:

1. Illi prelimiarjament l-esponent akkuzat jeccepixxi n-nullita' tal-Att ta' Akkuza, u dana stante l-izvilupp gurisprudenzjali, senjatament il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Camilleri

vs Malta, deciz fit-22 ta' Jannar, 2013. F' dan il-kaz il-Qorti ta' Strassburgu rritjeniet li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li permezz taghha jaghzel u jiddeciedi jekk persuna akkuzata b'reati bhal dawk odjerni jigix ipprocessat u ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (fejn il-piena applikabbli tvarja minn sitt xhur sa 10 snin prigunerija) jew mill-Qorti Kriminali (fejn il-piena applikabbli tvarja minn 4snin sa ghomor prigunerija) hija leziva tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dana stante li ma tissoddisfax l-element tal-previzjoni (forseeability) tal-piena.

Illi galadarba l-Artikolu 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta (bil-konsegwenti diskrezzjoni tal-Avukat Generali) gie dikjarat li huwa leziv tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Att ta' Akkuza odjern, ibbazat fuq dan l-istess Artikolu tal-Ligi, huwa ghaldaqstant a priori lezif tad-drittijiet fundamentali tal-esponent akkuzat u kwindi ghandu jigi ddikjarat null u bla effett.

Illi alternattivament u in linea sussidjarja ghal din l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-esponent akkuzat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghall-pronunzjament taghha f'dan ir-rigward, qabel ma jissoktaw il-proceduri odjerni.

2. Illi l-esponent umilment jissottometti u jeccepixxi l-inammissibilita tal-istqarrijiet ta' Rio Micallef u David Tabone fil-konfront tal-esponent u dana stante li Rio Micallef u David Tabone huma il-ko-akkuzati u semmai kwalsiasi prova naxxenti minn dawn l-istqarrijiet taghmel prova biss fil-konfront ta' min ghamilha.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-akkuzat jeccepixxi l-inamissibiltia' tal-istqarrijiet tal-istess akkuzat Darren James Vella u dana stante illi dawn saru minghajr assistenza legali, u konsegwentement jitlob l-isfilz tal-istess mill-atti.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jeccepixxi l-inadmissibilita tax-xhieda u r-relazzjonijiet ta' Dr. Anthony Cutajar LL.D. u jitlob l-isfilz tal-istess u dana stante li kwalsiasi prova li hemm migbura hija hearsay evidence u semmai, in pessima ipotezi hija strument amminsitrattiv uzabbli f'kaz ta' sejbien ta' htija u ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-mertu.

Rat in-nota tal-eccezzjoni ta' David Tabone pprezentata fit-12 ta' Gunju, 2013 fejn eccepixxa illi:

1. In-nullita' tal-atti tal-akkuza in kwantu d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, kemm meta hareg l-ordnijiet msemija fis-subinciz (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Prosessjoni Medika u l-Professjonjet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u fis-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll meta kkonferma dawk l-ordinijet bil-hrigut tal-att tal-akkuza, giet uzata b'mod zbaljat kif ukoll in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-eccipjent;

2. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, in-nullita' tal-att tal-akkuza in kwantu il-kawza ma tistax titmexxa l-quddiem minhabba l-assenza tan-nota tax-xhieda msemmioja fl-artikolu 590(2) tal-Kodici Kriminali.
3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-inammissibilita' tal-istqarrijiet tal-eccipjent, li fuqhom huma bbazati esklussivament ir-raba u l-hames kap tal-att tal-akkuza, in kwantu ttiehdu minghandu fl-assenza ta' avukat u minghajr ma thalla jikkonsulta ma' avukat.
4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-inammissibilita' tar-realazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut (esebit a fil 173 et seq) u x-xhieda relattiva in kwantu l-estenzjoni tan-nomina tieghu (vide verbal tas-27 ta' Novembru, 2008) ghall-finijiet tar-relazzjoni msemmija ma setghetx issir u dan anke skond gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;
5. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-inammissibilita' tal-parti tax-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison fejn jghid: " Fil-15 ta' Settembru, 2008 konna qed naghmlu operazzjoni d-Drug Squad u konna qed insegwu l;-moviment ta' certu David Tabone maghruf bhala z-Zambi" in kwantu din l-informazzjoni ma tistax tigi kkontrollata mill-eccipjent u ghalhekk tista' tirreka pregudizzju ingust fil-konfront tieghu;
6. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-uzu tal-laqmijiet fl-att tal-akkza huwa intiz sabiex jirreka pregudizzju ingust fil-konfront tal-eccipjent u ghandu ghalhekk jitnehha.

Rat in-nota tal-eccezzjoni ta' Rio Micallef pprezentata fit-12 ta' Guinju, 2013 fejn eccepixxa illi:

1. Illi d-dokumenti ezebiti, a fol 37-42 u 45-48 tal-process huma inammissibli, u ghalhekk ghandhom jigu sfilzati, stante illli jikkonsistu fl-istqarrijiet tal-ko-akkuzati David Tabone u Darren James Vella.

   Illi dan jikkostitwixxi ksur ta' dak enuncjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, u anke ta' gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, fejn ix-xheida tal-ko-akkuzat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkuzat jew l-akkuzati l-ohra, u b'hekk mhux ammissibbli bhala tali. Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat, biss wara illi l-kaz fil-konfront tieghu ikun gie definittavament deciz. Fil-kaz odjern, iz-zewg ko-akkuzati ghadhom ghaddejin proceduri fl-istess kawza, u ghalhekk tapplika r-regola indikata, u b'hekk ix-xhieda taghhom mhyxu ammissbbli kontra l-akkuzat.

   Il-Qorti, kellha l-opportunita li tippronunzja ruhha fuq dan il-principju f'diversi kazjijiet fosthom *Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri,.* Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; *Il-Pulizija vs Toni Pisani* Appell Kriminali 11 ta'

Novembru, 1944; *Il-Maesta tieghu r-Re vs Karmenu Vella,* Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; *The Police vs Alfred W. Luck et,* Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; *Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara,* Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; *Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et,* Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; *Il-Puliziaj vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius,* Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u *r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et* Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, *Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia,* Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998,

F'dan l-istadju, issir referenza wkoll ghad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, enumerat 4/2004, fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-guri ta' Brian Vella jigi xolt, u dan a bazi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkuzat bl-istess reati bhal l-akkuzat, kien ghadu ma ghaddiex proceduri, u ghalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkuzat ai termini tal-Kodici Kriminali: *"persuan li tkun akkuzata, hemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b' mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

2. Illi l-atti kollha tal-Inkjesta konsistenti fi Process Verbal enumart 1205/2008 '*Fl-Atti tal-Inkjesta dwar Sustanza Suspettata Illegali misjuba gewwa Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara'*, redatt mill-Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, huwa inammissibli bhala prova in kwantu huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu ta' smiegh xieraq kemm ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan peress illi l-istess Magistrat illi taqdi l-funzjoni ta' prosekutur billi tidderigi lil Pulziija f'dawk illi huwa gbir ta' provi waqt l-inkjesta, hija l-istess Magistrat illi tiddeciedi jekk hemmx provi bizzejjed sabiex persuna jitqieghed taht Att ta' Akkuza jew le;

Ikkunsidrat:

Illi b'riferenza ghall-eccezzjonijiet ta' Darren J. Vella, il-Qorti rat illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata. It-tieni tirrigwarda stqarrija jew dikjarazzjoni ta' ko-akkuzat illi ma taghmilx prova fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor.

Ikkunsidrat:

Hawnhekk l-akkuzat qieghed jiddikjara l-ovvju u l-qrati taghna dejjem irritenew il-principju illi stqarrija torbot biss lil min ikun ghamilha u ma tistax isservi bhala prova kontra persuni ohra. L-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment, "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u ma hijiex ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra." Ghalhekk jekk Rio Micallef, David Tabone ghamlu stqarrijiet bhalma ghamel Darren J. Vella, dawn l-istqarrijiet ma jistghux jingiebu bhala prova fil-konfront tal-eccipjent l-akkuzat Darren James Vella u dan ghandu jiffaccja biss il-konsegwenzi tal-istqarrija illi ghamel hu ghal dak li jirrigwarda l-operat tieghu. Ghalhekk, f'dan is-sens it-tieni eccezzjoni qed tigi milqugha.

It-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibiltà ta' stqarrijiet tal-istess Darren James Vella peress illi dawn saru minghajr assistenza legali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-akkuzat kellu tmintax-il (18) sena meta ghamel l-istqarrija. Kwindi kien maggorenni ghal kull sens tal-ligi u stante c-cirkostanzi u r-rwol illi kellu f'dan il-kaz m'ghandux jitqies bhala persuna vulnerabbli. Dan fil-kuntest ta' dak illi ntqal mill-Qorti tal-Appell, Sede Kostituzzjonali, Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali tal-10 ta' Ottubru tal-2012, fil-kawza John Attard versus Onorevoli Prim Ministru tal-31 ta' Ottubru 2012 u Pulizija versus Paul Cutajar, Appell Inferjuri (Ghawdex) tat-18 ta' Gunju 2013. Ghalhekk l-istqarrija ghandha tigi accettata flimkien mal-assjem tal-provi kollha migjuba fil-konfront tal-akkuzat flimkien mal-

caveat maghmul fil-kawza fuq imsemmija Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali illi "L-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-periklu li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra ..."

Rigward ir-raba' eccezzjoni u cioé r-relazzjoni ta' Dottor Anthony Cutajar peress illi din tikkostitwixxi hearsay evidence, din il-Qorti tirrileva illi fi kwalunkwe kaz ir-rapport ta' Dottor Cutajar kien fin-negattiv u ghalhekk mhux se jikkostitwixxi prova u jkun hela ta' zmien jekk jingieb jixhed quddiem il-gurati. Però fil-kaz illi jingieb ikun irid jispjega s-sorsi ta' informazzjoni tieghu u kif wasal ghall-konkluzjoni illi ma sabx assi ghal dak li jirrigwarda l-akkuzat Darren James Vella.

B'hekk, rigward il-lista tax-xhieda tal-akkuzat Vella kif tidher a fol 23 tal-process, l-Avukat Generali qieghed joggezzjona ghall-ahhar paragrafu fejn l-akkuzat nizzel bhala xhieda proprjetarju, inkwilini (isimhom mhux maghrufa) tal-garaxxijiet 31, Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara. Jidher illi sena u nofs wara l-prezentata ta' din il-lista, dawn l-ismijiet ghadhom sal-lum mhux maghrufa. Ovvjament f'sitwazzjoni bhal din l-Avukat Generali ghandu ragun u lista generika ta' xhieda ma tistax tigi accettata f'att ta' akkuza fejn il-procedura hija aktar formali, fejn ukoll l-oggett tal-prova tista' tintalab. F'dan il-kaz la l-isem ma jkunx maghruf, anqas u anqas tista' tintalab l-oggett tal-prova taghhom. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda din il-kontingenza, din il-Qorti ma tistax taccetta sitwazzjoni generika bhal din l-akkuzat illi fl-ahhar minuta forsi jitfacca b'xi isem ta' xi hadd minghajr ma jkun gie soggett ghall-kontrolli skont il-ligi. Dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-Qorti illi jekk jidhrilha espedjenti ghall-fini tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, wara li tkun semghet lill-partijiet taghti d-direttivi opportuni skont il-kaz.

B'hekk il-Qorti qieghda tiddispondi mill-eccezzjonijiet ta' Darren James Vella.

Ikkunsidrat:

Rigward l-eccezzjonijiet ta' David Tabone, l-Qorti osservat illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew irtirati. It-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibiltà tal-istqarrijiet peress illi saru minghajr assistenza ta' avukat. Fuq dan il-Qorti digà esprimiet ruhha meta kienet qieghda tiddelibera l-eccezzjonijiet ta' Darren Vella u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet illi ghamlet f'dawk l-eccezzjonijiet.

B'riferenza ghar-raba' eccezzjoni li tirrigwarda r-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut u l-estensjoni tal-nomina tieghu fil-kaz illi jkun hemm xi difett f'din l-estensjoni allura f'dan il-kaz l-Ispizjar Godwin Sammut ikun jista' jaghti x-xhieda tieghu biss bhala xhud ordinarju u mhux bhala espert.

Rigward il-hames eccezzjoni fejn hemm riferenza ghall-parti tax-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison fejn irrefera ghal operazzjoni tad-Drug Squad, l-Imhallef togat jista' jispjega lill-gurati li l-pulizija sikwit tagixxi fuq informazzjoni illi huma ma jkunux jistghu jizvelaw waqt guri jew fi proceduri kriminali ohra biex jigi assigurat illi tali dikjarazzjoni ma tikkrejax xi pregudizzju fil-konfront tal-akkuzat.

Rigward il-laqmijiet fl-att tal-akkuza, ikun prudenti illi dawn jigu mnehhija peress illi jistghu jservu bhala punt ta' riferenza ghal xi passat tal-akkuzat imxandar fuq il-mezzi tal-media u dan jista' jikkondizzjona lill-gurati bi pregudizzju ghall-akkuzat.

B'hekk il-Qorti ukoll qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet ta' David Tabone.

Ikkunsidrat:

B′riferenza ghall-eccezzjonijiet ta′ Rio Micallef il-Qorti rat illi t-tieni eccezzjoni giet irtirata u ghalhekk fadal biss l-ewwel eccezzjoni fejn l-akkuzat qieghed jeccepixxi li xhieda ta′ ko-akkuzat ma tikkostitwix prova la kontra u lanqas favur ko-akkuzat iehor. Fuq dan il-Qorti tghid ukoll illi l-akkuzat Micallef qieghed jiddikjara l-ovvju u taghmel riferenza ghal dak illi ntqal f′dan il-gudikat fil-konfront ta′ Darren James Vella fejn saret riferenza ghall-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi ma hemmx aktar eccezzjonijiet x′jigu kunsidrati u tiddiferixxi l-kawza sine die biex tistenna t-turn taghha tinstema′ bhala guri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------